MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 295/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Mercieca)**
**Vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fis-6 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tad-9.00 a.m., gewwa garaxx minghajr numru li jinsab fi Triq Santa Katerina, Gharghur, bhala direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kien jidher li qed jagixxi f'dik il-kariga, ma ezercitax id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil ta' reat u cioe' talli ghamel sengha, professjoni jew negozju u cioe' xoghol ta' qtiegh

ta’ madum b’magni ndustrijali minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita’ kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 t’Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 13 tal-Kapitolu 249 kif ukoll l-artikolu 338 (gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghaxar liri Maltin (LM10) ammenda w ordnat it-tnehhija tal-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta’ zewg liri Maltin (LM2) fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 t’Ottubru, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni, b’riserva ghal kull prova ohra li tista’ tigi prodotta fil-kors ta’ dan l-appell.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant hu li hu ma setax jigi misjub hati bic-citazzjoni kif formulata kontra tieghu u dan ghax peress li qed jigi citat fuq ismu personali jidher car mill-korp tac-citazzjoni li kellu jigi akkuzat piu’ fil-vesti ta’ dirtettur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta’ korp jew ghaqda. Di fatti jidher li l-akkuza giet mahruga ghab-bazi tal-artikolu 13 tal-Kap.249 . Illi fil-kors tal-kawza ma rrizulta minn imkien li kien qieghed hekk jagixxi u, fi kwalunkwe kaz, jekk kien qieghed hekk jagixxi, gie citat hazin fit-termini tal-artikolu 13 tal-Kap.249 peress li dik il-parti tal-ligi hija ntiza biex jigu inizjati proceduri kontra persuna li tkun tokkupa karika f’ xi korp guridiku jew morali ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-10 ta’ Novembru,2005;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi x-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigi riassunti hekk:-**

PS 586 JOSEPH BRINCAT **xehed li fis-6 ta' Settembru, 2005, kellu rapport b' telefonata minn ghand Mark Anastasi, resident f' Tax-Xwieki , Santa Katerina , limiti tal-Gharghur, li kien gej hoss qawwi minn garage li kien jigi vicin tieghu. Hu mar fuq il-post u f' garage f' dahla li qabel kienet taghti ghal barriera, sab zewg haddiema jqattghu l-madum bis-segi bl-ilma w liebsin *ear mufflers*. Ghalhekk hu baghat ghall-appellant li hu s-sid tal-post. L-appellant kien qallu li hu m'ghandux licenzja biex jaghmel dak ix-xoghol imma li qabel hemm kien hemm mastrudaxxa. Qallu ukoll li kellu x-xoghol ordnat u ghalhekk ma setax jieqaf. Is-Surgent zied jixhed li hu stess kien sema' l-hoss u dan kien qawwi hafna w l-haddiema kellhom l-*ear protectors*. Hemm ambaxxata w vilel vicin u xi barrieri. L-appellant qallu li hemm f'isem kumpanija, imma ma qallux x'jisimha pero' qallu li kien qed jiehu r-responsabbilta' hu.**

CHARLES MUSCAT **, Principal Officer fit-Trade and Licencing Unit, Commerce Division, xehed li mir-recerki li ghamel fuq l-appellant Joseph Vella jirrizulta li kien hemm licenzja "on behalf of Avanguard Design & Management Technical Ltd" registrata fuq Dun Karm Street, L-Iklin u din hi ghall-"building materials". Fuq il-Gharghur hu ma sab ebda licenzja fuq l-Avanguard jew fiuq isem l-appellant.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju tal-appellant jew mhux imfisser car jew addirittura huwa wiehed frivolu ghall-ahhar. Di fatti huwa jilmenta li jmissu gie citat fil-kapacita' tieghu ta' direttur, manager,segretarju jew ufficjal iehor simili ta' korp jew ghaqda, meta fil-fatt proprju hekk gie citat. Dan sar ghaliex fil-waqt li l-appellant kien qal lis-Surgent Brincat li hemm ix-xoghol qed isir minn**

**kumpanija, hu ma tahx isem il-kumpanija, pero' assuma r-responsabbilta' ghal dak li kien qed isir hu.**

**Ghalhekk ma hemmx dubju li hu gie proprju citat bil-mod kif qed jikkontendi li kellu jigi citat. Anki kieku l-aggravju tal-appellant, kellu jiftiehem bhala li ma ssemmiex l-isem tal-kumpanija li taghha kien direttur jew ufficjal fil-komparixxi, dan ukoll ma jwassal bl-ebda mod biex l-appellant jigi liberat, kif donnu qed jippretendi.**

**Illi dejjem gie ritenut li c-citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kompetenza taghha sommarja mhi xejn hlief *"avviso a comparire"* u bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post , hin u partikolaritajiet tal-imputat, biex hu jkun jista' jkun jaf ta' xhiex qed jigi akkuzat.**

**Di fatti skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza bil-partikolaritajiet ta' zmien u lok li jkunu jinhtiegu <u>jew li jkunu jistghu jinghataw</u>.**

**Issa ma hemmx dubju li l-komparixxi kif redatta, tikkontjeni dawn l-elementi kollha rikjesti mil-ligi.**

**Hekk, isem l-akkuzat bil-konnotati kollha ta' genituri, fejn twieled, fejn joqghod u n-numru tal-karta tal-identita' tieghu huma kollha inkluzi fl-intestatura tal-istess komparixxi, b'mod li ma thalli ebda dubju dwar l-identita' tal-persuna mharrka. Umbaghad jissemma z-zmien : (6 ta' Settembru, 2005) il-hin (ghall-habta tad-9 am) u l-lok (go garaxx minghajr numru li jinsab fi Triq Santa Katerina , Gharghur). Inoltre jidher car li hu kien qed jigi citat bhala direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew li kien jidher li qed jagixxi f' din il-karika.**

**Issa fil-kamp kriminali, bid-differenza ghall-kamp civili, direttur jew ufficjal ta' kumpanija, ma jitharrikx in rapprezentanza ta' dik il-kumpanija jew korp morali,**

**u fejn in realta' il-persuna citata tkun il-kumpanija jew korp morali, imma jkun qed jigi citat personalment biex jirrispondi personalment ghan-nuqqas tieghu personali, meta ma jkunx ha l-passi mehtiega bhala ufficjal ta' tali kumpanija jew korp morali biex jipprevjeni certi reati. Ghalhekk mhux mehtieg li fil-komparixxi jissemma ta' liema korp jew ghaqda hu jkun direttur jew ufficjal, purche naturalment li mill-fatti w dettalji l-ohra li jissemmew fic-citazzjoni ikun car ghall-liema nuqqas tieghu l-akkuza tkun tirriferi.**

**F' dan il-kaz, wara li ssemmew id-dettalji kollha fuq riferiti, l-komparixxi in dizamina tghaddi biex tghid f' hix kien jikkonsisti n-nuqqas tal-appellant u cioe' li bhala uficjal tali ma ezercitax id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil ta' reat u cioe' talli ghamel sengha, professjoni jew negozju w cioe' xoghol ta' qtugh ta' madum b' magni industrijali minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti.**

**Illi ghalhekk mill-komparixxi kien altru mill-car bizzejjed ta' liema nuqqas u f' liema vesti hu kien jirrispondi.**

**Illi lanqas mhu korrett l-appellant meta jissotttometi li fil-kors tal-kawza ma rrizulta minn imkien li kien qieghed hekk jagixxi partikolarment meta wiehed iqis li kien l-istess appellant li mas-Surgent Brincat fil-waqt li asserixxa li hemm ix-xoghol kien qed isir minn kumpanija, hu accetta r-responsabbilta  ghal fatt li l-operazzjoni kienet wahda bla licenzja,  pero' qal li ma setax jieqaf minn dak ix-xoghol ghax kellu ordni w ried ilestiha.**

**Ghalhekk , dan l-appell hu wiehed infondat u jirrazenta l-appell fieragh.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata b' dan li t-terminu ta' xahar biex jitnehha l-inkonvenjent taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kulljum jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------